MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 32

18 ta' Awwissu 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Maria Concetta Scerri - Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-5.32pm.  Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sur Giorgio Mario Schembri li kien għadu ma daħalx *online*.

## 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

32.1.1 Is-Sindku qal li ma kienx hemm ittri t'apoloġiji

## 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

32.2.1 Is-Sindku qal li għall-approvazzjoni kien hemm il-Minuti 29, 30 u 31. Il-Minuti ġew approvati.

## 32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

32.3.1 ***Uffiċċini Ġodda - Appell***

Is-Sur Cordina qal li kif jafu fil-laqgħa preċedenti kien ingħadda r-rapport tal-Evalwazzjoni sabiex jingħalaq il-proċess u forsi jinbdew ix-xogħolijiet imma jidher li l-proċess ha jkollu jitwal xi ftit minħabba li daħal appell. Hu qal li irċevejna mingħand [redacted], Dipartiment tal-Kuntratti appell mingħand [redacted] li daħal fis-6 ta' Awwissu.  L-Avukat [redacted] ħejja risposta datata 13 ta' Awwissu li ittieħdet *by hand* mis-Segretarju Eżekuttiv fl-istess ġurnata. Ir-risposta tal-appell inqrat mis-Sur Cordina (annessa).

Is-Sindku qal li kien ikun aħjar li kieku intgħażel dan il-bidder għax il-Kunsill kien jiffranka mal-€50,000 imma ġaladarba ma kellux kollox kif suppost, kif jafu sewwa is-Sur Bartolo u l-Avukat Caruana il-Bord kellu jmur fuq it-tieni l-irħas offerta.

Is-Sur Galea saqsa jekk mal-appell daħalx depożitu? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li iva kif suppost mal-10 t'ijiem.

32.3.2 ***Animals Honours Rewards***

Is-Sur Stefan Cordina qal li rċieva korrispondenza mingħand l-Ministeru għall-Agrikoltura, Ikel, Sajd u Ħarsien tal-Annimali fuq *Animal and Human Nominations Form* dwar *best voluntary organisation and best volunteer*.  Hu propona li jiġu n-nominati l-[redacted] Group u [redacted] rispettivament u dan għax-xogħol volontarju kollu mwettaq minnhom fejn jaħseb li jixirqilhom.

Kulħadd qabel.

32.3.3 *Malta Sustainable Development Action Days – Be Part of the Change*

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat din l-imejl rigward inizjattivi għall-iżvilupp sostenibbli li jistgħu jikkonsistu f'laqgħat ma' parteċipanti, *digital awareness* bil-ħsieb li jmorru mat-targets eżistenti tal-2030 Agenda sabiex jiġu mxandra u r-reklamati mill-Ministeru bħaha parti mill-attivitajiet tiegħu fil-gimgħa ta' bejn 20 u s-26 ta' Settembru. Hija qalet li d-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni hija 27 ta' Awwissu. Is-Sur Cordina qal li din l-imejl għadha kif ġiet fit-13 ta' Awwissu u *deadlines* t'applikazzjonijiet bħal dawn huma qosra wisq biex wieħed jaħseb x'jista' jagħmel. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li apparti hekk l-informazzjoni hi vera vaga meta trid tagħmel xi *social event* fuq *is-social media* li bilkemm hi stess taf xi trid tagħmel. Hi qalet li l-unika affarijiet li kienu qed jiguha f'moħħa konnessi mad-data 2030-2050 huma t-tnaqqis tal-emissjonijiet, fejn hemm il-ħsieb li ma jibdewx jiġu iktar impurtati vetturi bl-exhaust imma jkunu elettriċi. Kien għalhekk li saqsiet jekk hemmx xi ħadd li jista' jgħinha.

L-Avukat Caruana semmiet il-Green Procurement. Hi qalet li kieku seta' jsir hu li meta l-Kunsill jixtri xi ħaġa bħal meta nxtara l-vann ikun iktar green, hybrid. Saqsiet jekk jistax isir xi clean up. Is-Sur Cordina qal li dan ma jidħolx taħt dan l-iskop. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li qed jiġiha f'moħħha li forsi jkun hemm xi proġett u jiġi preżentat bħalha green project. Qalet ukoll li fil-fatt fil-proġett tal-Info Centre daħlu ħafna *environmentally friendly measures*. L-Avukat Caruana u s-Sur Cordina qalu li ż-żmien hu wisq qasir u wieħed irid jieħu in konsiderazzjoni li f'dan il-perjodu kulħadd jieħu vaganza.

Is-Sinjura Scerri qalet li ta' min jaħseb ukoll u jagħmel enfasi fuq l-ilma li kull ma jmur qed jonqos għax mhux tagħmel xita u li għada pit għada ha jkun prezzjuż immens allura ta' min jibża għalih. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk torganiżża xi information session fuq l-ilma tkun ideja tajba. Is-Sinjura Scerri qalet li *target points* għandhom ikunu t-tfal għax għada agħar mill-lum. L-Avukat Caruana qalet li tajjeb li kieku jintbagħtu xi *mail shots* ta' kif wieħed jibża' għall-ilma. Anka ġewwa l-iskola. Is-Sur Bartolo qabel ma dak kollu li ntqal. Is-Sur Brincat qal li jekk is-suġġett huwa is-*sustainbable week* il-Kunsill jista' jkellem lill-[illegible] li huwa ambjentalist. Is-Sinjura Scerri qalet li dak l-iktar li hu fuq is-siġar. L-Avukat Brincat qal li hemm iktar kompetenzi bħaż-żnażan, l-ambjent u fuq l-Ilma hemm [illegible]. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħa tikkonċentra fuq l-ilma u ħa tara x'sa tlaħħaq.

## 32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

32.4.1 Victor Galea

- Saqsa fuq in-nomini għal Jum Ħ'Attard. Is-Sur Cordina qal li għadu kmieni u li kif qal tajjeb is-Sur Bartolo u Mangion kienet inbiddlet id-data u se jsir f'Marzu 2021 jekk ir-restrizzjonijiet dwar il-Covid jibqgħu tajbin bħal t'issa.

32.4.2 Helen Caruana

- Saqsiet fuq xi letterbox li tneħħiet minn Triq l-Imdina u jekk hux sa ssir lura. Is-Sur Galea qal li la letterbox u lanqas bus stage m'hemm bħalissa. Is-Sur Cordina kkonferma li l-istage ħa jsir quddiem ħanut partikulari u li l-letterbox għadu ma jafx fejn ġejja

minħabba li din ta’ entità privata u allara irid isir intervent magħhom bħal ma kien ġara preċedentament post ieħor u l-Kunsill japplika għaliha.

32.4.3 Il-Perit Giorgio Schembri daħal f’dan il-mument 6.04pm

John Bonnici

- Talab biex jitnaddaf Wied Irmiedi. Il-Perit Schembri qal li sewwa qed jgħid imma biex jinfurmak il-ġimgħa l-oħra kien hemm in-nies ta’ Ambjent Malta u naddfu vera sew. Hu rringrazzja l-ħaddiema tal-Parks ta’ dan ix-xogħol hu li m’eskludiex li ħa jkollu bżonn jerġa’ jitnaddaf.
- Rigward il-bus stop rega’ saqsa fejn ġej. Is-Sindku rega’ qal li dan ġej quddiem Snack Bar u din hija finali. Qal li hu tkellem fuq dan imma m’hemmx kontroll fuqhom u li s-Sur Azzopardi qal li hemm ħa jsir. Is-Sinjuri Bonnnici u Galea qalu li lanqas fejn iħott mhu sa jkollu. Is-Sur Cordina qal li sfortunatament trid taqta’ linja u pruva jitkellem imma d-deċiżjoni ttieħdet u għandhom raġun.

32.4.4 Silvio Brincat

- Saqsa meta tibda l-iskola kif se jgħaddi t-traffiku? Qal li fl-għeluq tal-ħin tal-iskola in-nies qed javvicinawh biex jistaqsu kif ħa jgħaddi t-traffiku u li dan se jispiċċa jgħaddi miċ-Ċentru tar-raħal. Is-Sur Cordina qal li hemm tabelli biżżejjed u ilhom anke żmien biżżejjed biex in-nies jindunaw li waqt il-ħin tal-iskola ma jinżlux. Qal li trid tkun altru minn imbeċċilli biex tibqa’ tippresisti u tgħaddi minn dawn it-toroq. Hu kompla jgħid li qed jantiċipa li s-sistema ħa tiġi għan-normal kif kienet qabel u t-traffiku ma jibqax jiġi diverted għaż-Zagħfran u jgħaddi minn Triq in-Nutar Zarb fejn hemm il-*merge lane*. Hu qal li qabel ma kienx jeħel eżaġerat u suppost issa jiġi aħjar.

## 32.5 Rapporti

32.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 32.6 *Items* oħra ta’ xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

32.6.1 ***Skema mobilità –*** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ħarġet skema fuq mobilità għall-anzjani is-sena l-oħra fejn il-Kunsill kien applika biex jingħata fondi biex jixtri vann biex iwassal lill-anzjani minn Ħ’Attard għal Ħ’Attard stess u li ma kienux ħadu fondi s-sena l-oħra. Din is-sena l-istess skema reġgħet ħarġet u peress li xorta għad hemm bżonnu xtaqet l-approvazzjoni biex terga’ tapplika għalih. Għalhekk ressqet rizoluzzjoni għall-approvazzjoni. L-Avukat Brincat qal li Ħal Balzan għamlu xi ħaġa simili mill-lokalità għal Mater Dei. L-Avukat Caruana iċċarat li dan minn Ħ’Attard għal Ħ’Attard biss u li bil-*booking*. Ippropona Silvio Brincat u Victor Galea issekonda. Kulhadd qabel.

## 32.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta’ Pagamenti

32.7.1 L-Avukat Caruana saqsiet fuq ir-restawr tal-Kappella ta’ San Pawl. Qalet li tiftakar li kienu ddiskutewha laqgħa tal-Kunsill imma li tiftakar li x-xogħolijiet kienu saru minn Infrastructure

Malta. Ix-xogħol saru kollu minn Infrastructure Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-Minuti kien intqal li galadarba issewwew ix-xquq tal-Kappella minn IM allura l-flus li kienu vvutati jintefqu f'xi ħag'oħra imma dejjem għall-bżonnijiet tal-istess Kappella. L-ispiża kienet tammonta għall-€ 2500 item 31 u hemm it-tliet kwotazzjonijiet kif suppost.

Il-pagament ġew approvati. Victor Galea u Remigio Bartolo għandhom jiffirmaw.

## 32.8 Mozzjonijiet; u

32.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 32.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

32.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.42pm u ġiet aġġornata għal-15 ta' Settembru 2021 fis-5.30pm

Konfermati, illum 15 ta' Settembru 2021.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv